MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 54

19 ta' April 2016

Minuti tas-seduta Nru. 54 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 19 ta' April 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 53 li saret fid-29 ta' Marzu 2016 mingħajr emendi u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni għal kjarifika mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi bid-data tad-19 ta' April 2016, fejn ġie ċċarat li d-deċizjoni fir-rigward tal-appell li sar mill-offerent Paul Cardona kellha tkun bħal dik li ngħatat fil-konfront ta' l-offerent Absolute Cleaners Ltd, fis-sens li għandha ssir sejħa għall-offerti mill-ġdid.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li .għandha tittieħed din l-opportunita' sabiex xi skedi li kienu jiffurmaw parti mid-dokument tal-offerta jiġu ċċarati bil-għan li jinftehmu aktar malajr mill-offerenti, filwaqt li jiffaċilitaw il-proċess tal-evalwazzjoni li tiġi wara. Kompla jgħid li s-sejħa l-ġdida jeħtieġ li tispecifika l-ammont ta' sigħat u l-ispiża marbuta magħhom, filwaqt li b'mod separat ikun hemm somma oħra li tindika l-ammont illi l-offerent ikun mistenni jalloka fuq deterġenti, *fuel*, ecc. Is-Sur C. Bartolo qal li b'dan il-mod wieħed jassikura li jieħu servizz tajjeb u hekk ikun hemm distinzjoni aktar ċara bejn l-ispiża tas-sighat tal-*attendants* u spejjeż oħra marbuta mas-servizz.

2.1.4. Il-Kunsill qabel li d-dokument tal-offerta jiġi modifikat f'dan is-sens.

**2.2.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker*** **(S/4/2/Vol III)**

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru kuntatti mal-*barman* tal-Imperial Band Club dwar l-attività tal-4 ta' Mejju 2016, li tinvolvi 20 plajer u 9 Kunsillieri. Huwa qal li dan lest joffri ikla bil-prezz ta' €10.00 kull persuna, inkluż ix-xorb.

2.2.3. Il-Kunsill approva l-ispiża u talab li tinħareġ *purchase order.*

**2.3.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għal żewġ laqgħat separati li saru fit-18 ta' April 2016 ma' delegazzjonijiet mis- Sustainable Built Environment Malta (SBEM), u mas-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (DLĦ). Is-Sur J. Buttigieg qal li flimkien miegħu attendew, il-Viċi Sindku C. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, J. Attard, E. Bartolo, J. Gauci.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li SBEM kienu rappreżentati mill-Periti Ruben Borg u Joseph Falzon li stqarrew li diġa kienu nvoluti fir-rijabilitazzjoni tal-bini fejn qabel kien hemm id-Deutsche Welle Radio Relay Station, li jinsab fl-inħawi ta' Xrobb l-Għaġin fil-limiti ta' Birżebbugia. Fil-laqgħa ġie spjegat li SBEM hija organizzazzjoni volontarja reġistrata bħala tali mal-Kummissjoni dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, li tispeċjalizza fuq ir-riċerka dwar żvilupp sostenibbli, edukazzjoni u riċerka dwar bini sostenibbli. Għaldaqstant, il-proġett ta' Xrobb l-Għaġin kien jinvolvi l-ħolqien ta' ċentru għal dan it-tip ta' riċerka. Kien spjegat ukoll li huma għandhom l-intenzjoni li jwettqu proġett fuq l-istess linji fit-tramuntana ta' Malta u għalhekk huma nteressati fit-Torri l-Abjad. Il-ħsieb huwa li l-proġett jiġi mplimentat fuq medda ta' sentejn, permezz ta' self mill-bank, li jitħallas lura permezz tad-dħul li jiġi ġġenerat mill-użu tal-bini, li possibilment ikun joffri wkoll akkomodazzjoni għal tip ta' turiżmu nteressat fir-riċerka ekoloġika.

2.3.4. Il-preżentazzjoni tal-proposta mressqa minn DLĦ saret mill-Professur Luciano Mulè Stagno, mis-Sinjorina Maria Grazia Cassar u mis-Sur Ian Camilleri. Ingħata profil tas-Soċjetà li ilha mwaqqfa mil-1965 bl-iskop li tgħin lill-Gvern iħares il-wirt storiku u naturali li jeżisti fil-gżejjer Maltin. Tul dan il-perjodu DLĦ daħlet għar-responsabiltà ta' 36 sit storiku li kienu mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| Fortifikazzjoni ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann | 11 |
| Beni tal-perjodu Brittaniku | 3 |
| Kappelli medjevali | 5 |
| Siti oħra ta' importanza nazzjonali | 17 |

2.3.5. DLĦ hija nvoluta fl-amministrazzjoni tal-Proġett Foresta 2000, il-Park tal-Majjistral flimkien ma' entitajiet oħra bi sħab mal-Gvern Ċentrali. Kien spjegat ukoll li s-Soċjetà tara l-importanza tat-Torri l-Abjad bħala parti minn *heritage trail*, flimkien ma' siti storiċi li jinsabu fiż-żona tal-Aħrax (eż. It-Torri l-Aħmar, strutturi militari tal-Ordni ta' San Ġwann u ta' żmien l-Ingliżi), ekoloġija fuq l-art, kif ukoll dik marittima. Intqal ukoll li s-soċjetà għadha kemm temmet proġett ta' restawr u attwalment tinsab f'pożizzjoni li tibda xi mpenn ieħor.

2.3.6. Membri tad-delegazzjoni spjegaw li proġett tat-tip tat-Torri l-Abjad jaraw li jimplimentawħ fuq medda ta' ħames snin, filwaqt li l-użu tiegħu jibda qabel. Huwa stmat li dan jiġi jiswa bejn €250,000 u €400,000 li jiġu ffinanzjati minn għotjiet, kif dejjem kienet il-prassi fil-każ tal-proġetti msemmija fil-minuta 2.3.4., aktar 'il fuq

2.3.7. Wara li l-Kunsill evalwa s-sottomissjonijiet miż-żewġ offerenti, kemm bil-kitba, kif ukoll verbali, kien hemm qbil unanimu li għandhom jitkomplew il-kuntatti ma' DLĦ, minħabba l-esperjenza vasta li għandhom, ir-reputazzjoni, kif ukoll il-viżjonijiet ċari li għandhom, kemm f'dik li hija implimentazzjoni, kif ukoll l-użu li jiġi wara. Fuq kollox, il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li DLĦ m'humiex ser jirrikorru għall-ebda self. Minkejja dan, il-Kunsill ma eskludiex il-parteċipazzjoni ta' xi entità oħra, inkluż SBEM sakemm ikun hemm kunsens minn naħa ta' DLĦ.

**2.4.1. Reviżjoni tal-*bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-test bil-Malti u l-Ingliż tal-*bye-laws* ġie ppubblikat fis-sit elettroniku tal-Kunsill www.mellieha.gov.mt, filwaqt li saru avviżi f'erba' ġurnali differenti, fejn tħabbar li l-perjodu ta' konsultazzjoni jagħlaq fit-30 ta' April 2016.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.5.1. PA 5833/09 - Estensjoni tal-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)**

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni msemmija, li kienet tinvolvi t-tkabbir tal-kumpless bi 30 *unit* ieħor, liema talba ġiet trattata mill-MEPA fl-10 ta' Marzu 2016. Is-Sur J. Buttigieg rrefera wkoll għal artiklu li deher fil-gazzetta "In-Nazzjon" tal-1 ta' April 2016, fejn ġie allegat li minħabba ntervent li sar minnu waqt l-imsemmija laqgħa l-lokalità ġiet imċaħħda minn €10,000 bħala *Planning Gain*.

2.5.3. Is-Sindku stqarr li huwa jixtieq jirrijafferma dak li ntqal fi kjarifika li huwa bagħat lill-Kunsillieri kollha fit-2 ta' April 2016, fis-sens li dakinhar li ltaqa' il-Bord tal-MEPA biex jitrattata din l-applikazzjoni, kien għadhom ma daħlux fis-seħħ l-emendi fil-liġi li jirregolaw l-operat tal-Awtorità tal-Ippjanar u għalhekk huwa ma kienx jifforma parti mill-bord, iżda kien mistieden jattendi peress li kienu saru rappreżentazzjonijiet mill-Kunsill dwar din l-applikazzjoni fi stadju aktar bikri.

2.5.4. Fost il-punti li kienu tqanqlu fil-korrispondenza li għaddiet, kien hemm il-*Planning Gain*, però ma ssemma fl-ebda komunikazzjoni, kemm dan kellu jkun. Kompla jgħid li fir-rapport tiegħu, id-Direttorat tal-Ippjanar irrakkomanda lill-Bord tal-MEPA illi l-applikazzjoni għandha tiġi approvata u li jkun hemm *Planning Gain* ta' €13,000. Is-Sur J. Buttigieg qal li mportanti wieħed jinnota li l-*Planning Gain* ma giex iffissat mill-Bord u lanqas ma' kien hemm xi ċifra ta' €25,000.

2.5.5. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li wieħed mill-membri tal-Bord talab li l-*Planning Gain* ghandu jkun ta' €25,000, liema talba ma kisbitx l-appoġġ tal-membri l-oħra tal-Bord. Infatti membru ieħor talab lid-Direttorat biex jispega l-formola li permezz tagħha waslu għall-figura ta' €13,000. Il-membri tal-Bord dehru sodisfatti bl-ispjegazzjoni li nghatat. Is-Sindku qal li l-istess membru li li ndika ċ-ċifra ta' €25,000, b'mod stramb ħafna, staqsa lilu direttament dwar x'jaħseb fuq din il-proposta. Is-Sindku wieġeb li huwa mhux kompetenti jgħid kemm kellha tkun is-somma u għaldaqstant kien lest joqgħod fuq li jgħidu l-uffiċjali tad-Direttorat tal-Ippjanar.

2.5.6. Fl-istess waqt huwa kkummenta li apparti l-*Planning Gain* impost mid-Direttorat, jeżisti spirtu ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-operaturi tal-Mellieha Holiday Centre f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-attivitajiet kulturali u popolari fil-lokalità, kif ukoll l-effett fuq l-impjiegi li jista' jħalli t-tkabbir mitlub. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ssuġġerixxa li s-somma għalinqas titla'għal €15,000. Sussegwentement sar l-intervent mis-Sur Martin Risgaard Buch Embark, il-*General Manager* tal-Kumpless Mellieha Holiday Centre, fejn tkellem dwar l-operat u l-ħidma tal-Kumpanija u kemm ibbenefikat l-lokalità permezz tal-ħidma tagħhom fl-ahhar 35 sena li ilhom joperaw. Huwa appella biex ma jiġix impost l-Planning Gain kif mitlub minn wiehed mill-membri tal-Bord.

2.5.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li wara illi rċieva n-nota tas-Sindku tat-2 ta' April 2016, kiseb kopja tal-minuti fejn ġiet trattata l-applikazzjoni PA 5833/09, biex jara x'ġie rrappurtat uffiċjalment. Minn dak li nkiteb fil-minuti, kif ukoll mill-istqarrija tas-Sindku, jidher li l-ammont tal-*Planning Gain* ikun għadu fattur negozzjabbli fi stadju ta' applikazzjoni.

2.5.8. Is-Sindku għalaq billi għarraf li finalment il-Bord iddeċieda li l-*Planning Gain* jiżdied minn €13,000 għal €15,000. Is-Sindku kkummenta li l-membri tal-Bord setgħu mponew *Planning Gain* differenti minn dak propost mid-Direttorat, jew dak propost minnu, jew kif propost minn wiehed mill-membri tal-bord. Madankollu dejjem kienet il-prassi illi l-Kunsill ma jiffissax figuri fejn jidħol *Planning Gain* u dejjem mexa skont il-parametri ndikati mid-Direttorat tal-Ippjanar.

**2.6.1. Parteċipazzjoni fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (P/5/1/Vol IV)(H/3/1)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datati 15 ta' April 2016, fejn l-Awtorità tal-Ippjanar stiednet rappreżentant mill-Kunsill sabiex jieħu sehem fid-diskussjoni dwar id-determinazzjoni tal-applikazzjoni PA 4811/15, li tinvolvi t-twaqqiegħ u bini mill-ġdid ta' parti mir-Ramla Bay Hotel.

Ser tiġi trattata wkoll l-applikazzjoni PA 4649/15 dwar l-iżvilupp ta' parti mill-barrieri fiż-żona Ta' Masrija. Is-Sur J. Buttigieg qal li ser issir laqgħa preparatorja fil-21 ta' April u oħra meta trid tittieħed deċiżjoni finali fit-28 ta' April 2016.

2.6.3. Dwar l-applikazzjoni PA 4649/15, is-Sindku ppropona li tinżamm il-linja addottata mill-Kunsill f'seduti preċedenti skont rappreżentazzjonijiet li diġa saru mal-Awtorità tal-Ippjanar.

2.6.4. Rigward it-talba PA 4811/15, il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-għoli tal-bini propost tar-Ramla Bay Hotel m'għandux jaqbeż dak eżistenti, filwaqt li kemm-il darba jkun impost *Planning Gain*, dan imur biex jiġu żviluppati faċilitajiet ta' parkeġġ qrib l-istess lukanda.

2.6.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa skont il-minuti 2.6.3. u 2.6.4. aktar 'il fuq.

**2.7.1. Stedin lil-lokalitajiet ġemellati**
**(K/1/5/1/Vol III)(K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4/Vol II)(A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XIV)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.3. fil-minuti tas-seduta preċedenti u rrakkomanda li fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u fl-Iljieli Melleħin 2016 għandhom jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti minn lokalitajiet li l-Kunsill ikkopera magħhom fil-passat, bħalma huma Aquaviva delle Fonti; Cugir, u Stara Pazova. Huwa qal li fil-każ tal-aħħar ikun xieraq li jiġi ffirmat ftehim ta'koperazzjoni fl-oqsma fejn jeżistu prospetti tajbin li din isseħħ.

2.7.3. Is-Sindku ppropona wkoll li s-serata ta'Jum il-Kunsill tkun taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru.

2.7.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/02/16 – 08/04/16;
- *Purchase Request Form* – 14/04/16;
- Skeda ta' pagamenti – 25/03/16 – 14/04/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Aċċess bil-vetturi fl-imsaġar tal-Miżieb (T/6/1/Vol IV)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' April 2016, fejn l-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti talbu li jitwaħħlu disa' tabelli fejn kull xatba li hemm fl-inħawi msemmija, bil-għan li ma jidħlux vetturi mhux awtorizzati.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**4.2.1. Bankina fi Triq il-Marfa (D/3/1/Vol IV)**

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata16 ta'Marzu 2016, mibgħuta minn sidien ta'negozji li jinsabu f'numri 14, 15, 16, 17 u 18 fi Triq il-Marfa, qrib Dawret it-Tunnara. Dan sabiex ikunu jistgħu jagħmlu xogħlijiet li jinvolvu titjib, għas-spejjeż tagħhom.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba jsiru xogħlijiet fuq il-bankina ndikata, dawn jsiru mill-Kunsill.

**4.3.1. Introduzzjoni ta'aktar *speed humps* fi Triq Tal-Prajjet (T/3/2/Vol XII)**

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta'Marzu 2016 mibgħuta mis-Sur John Cini, fejn talab li ssir *speed hump* oħra qabel it-triq li twassal għar-raba tiegħu, minħabba l-periklu li jeżisti għas-sewwieqa li ma jkunux qed jaraw it-traffiku li jkun għaddej fi Triq tal-Prajjet, peress li hemm ħitan tas-sejjieħ għoljin.

4.3.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li Triq tal-Prajjet hija parti minn rotta tal-karozzi tal-linja, iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi prevalenti, iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġu ntrodotti *speed humps* qabel l-ewwel traversa mid-direzzjoni tat-triq tal-Wied ta' Rdum.

**4.4.1. Talba sabiex jintrama *tower crane* fi Triq il-Marlozz k/m Triq il-Barkazza (A/6/3/1/Vol 105)**

4.4.2. Inqrat ittra datata 14 ta' April 2016 mibgħuta minn Attard Brothers Co. Ltd, fejn talbu permess sabiex jarmaw *tower crane* fuq art li huma qegħdin jgħidu li hija privata u għalhekk qed tintalab l-eżenzjoni mill-ħlas tad-dritt dovut taħt l-Avviż Legali 119 tal-2002.

4.4.3. Qabel ikompli jikkonsidra l-eżenzjoni mitluba, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġieb kopja tal-kuntratt, jew dokument uffiċjali illi jipprova li l-art hija privata.

**4.5.1. Kampanja ta' appoġġ (K/11)**

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Marzu 2016, fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali stieden lill-Kunsill Lokali sabiex jappoġġjaw lil min ibagħti mill-*Myalgic Encephalomyelitis / Chronic Fatigue Syndrome (ME/CFS) u Fibromyalgia (FM*). Dawn it-tliet kundizzjonijiet huma simbolizzati bil-kuluri: ikħal; vjola; u aħdar, rispettivament. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ġew imħajra jixgħelu xi bini pubbliku fil-lokalità tagħhom b'dawn il-kuluri.

4.5.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li dan l-effett jista' jinħoloq bil-*floodlights* li hemm mal-ġenb tal-knisja parrokkjali tal-Mellieħa.

4.5.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat dwar jekk dan huwiex possibbli u l-ispiża marbuta miegħu.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' April 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-25 ta' Marzu u l-14 ta' April 2016, kif ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-18 ta' Frar u t-8 ta' April 2016.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li jastjeni mid-deċizjoni fir-rigward tal-pagament bir-referenza 020-04-16 minħabba parentela li għandu mal-fornitur.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Sejħiet għall-offerti li għalqu fl-14 ta' April 2016**
**(T/4/13/Vol XI) (K/6/5/3/Vol II)(K/6/3/Vol III)(P/4/17)(K/6/3/Vol III)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-iskeda tal-offerti li ntefgħu u li ġew mgħoddija lill-offerenti kollha, kif ukoll lill-Kunsillieri eżattament wara li għalqu fl-14 ta' April 2016. Is-Sur C. Debono qal ir-rispons għal dawn is-sejħiet kien kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sejħa 1/2016 | *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari | Central Asphalt Ltd |
| | | Dimbros Ltd |
| Sejħa 2/2016 | *Contract Management – Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari | Perit Joseph Attard |
| | | Perit Daniel Cordina |
| | | Perit Anthony Bezzina |
| | | Perit Dieter Falzon |
| | | Perit Malcolm Gingell |
| Sejħa 3/2016 | Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna | Environmental Landscapes Consortium Ltd |

| | | |
|---|---|---|
| Sejħa 4/2016 | Xogħol Infrastrutturali fi Triq Sant' Anna k/m Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq il-Mitħna l-Qadima; | Central Asphalt Ltd |
| | | Dimbros Ltd |
| Sejħa 5/2016 | Titjib fit-taraġ ta' Fuq fi Triq San Publiju | Central Asphalt Ltd |
| Sejħa 6/2016 | Żamma u Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Postijiet Oħra | Antoine Fenech |

7.3. Billi mill-iskedi tal-offerti ġiet osservat li d-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerent Dimbros Ltd ma kinitx kollha kemm hi dik mitluba fid-dokument tal-offerta, kien hemm qbil li s-sottomissjonijiet li saru fir-rigward tas-Sejħiet Nri. 1/2016 u 4/2016 għandhom jiġu studjati aktar fid-dettal mit-*Tender Adjudication Board* fl-laqgħa li ġiet appuntata għas-27 ta' April 2016.

7.4. Is-Sindku aċċenna li s-somma kkwotata fir-rigward tas-Sejħa Nru. 5/2016, irriżultat diskrepanza sinifikanti meta mqabbla mal-estimi li tammonta għal €73,493. Huwa ppropona li jkun hemm rejalokazzjoni ta' fondi fl-Estimi mill-vot 7527 (Ġnien Pubbliku bejn Triq l-Etna, Mons. F. Xuereb; Għasel) għal vot 7518 (Tisbiħ tat-Turġien).

7.5. Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss ġħandha tittressaq mozzjoni dwar l-għoti tal-kuntratt fir-rigward tas-Sejħiet Nri. 2/2016; 3/2016; 5/2016; u 6/2016.

**8.1. Intervisti lill-persuni b'diżabilità nteressati fil-*Community Inclusive Employment Scheme* mnedija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ (E/3/6/Vol II)**

8.2. Is-Segretarju fakkar fl-interess li ntwera mill-Kunsill fl-iskema msemmija. B'riżultat ta' dan, il-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ għaddiet lista ta' tliet persuni, li tnejn minnhom għaddew il-*curriculum vita* tagħhom sabiex jiġu ntervistati.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-persuni nteressati għandhom jiġu ntervistati fit-3 ta' Mejju 2016 minn bord magħmul mis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, u E. Bartolo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

9.1. **Tħejjijiet għall-Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/1/Vol XIV)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz ta' ittra datata 13 ta' April 2016 alloka €3,000 taħt l-Iskema dwar Attivitajiet Kulturali għal din l-attività.

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-programm ikun jinkludi il-Wallace Pipe and Drums minħabba l-atmosfera sabiħa li joħolqu. Huwa qal li l-ispiża nvoluta hija ta' €300.

9.4. Is-Sur C. Bartolo għarraf li saru kuntatti mal-Comune di Aquaviva delle Fonti, u rriżulta li jistgħu jibagħtu grupp ta' 25 mużiċist. Huwa qal li din il-proposta tinvolvi spiża konsiderevoli minħabba l-akkomodazzjoni u għalhekk mhix possibbli. Minkejja dan, għaddejjin kuntatti wkoll mal-munċipalità ta' Cugir fir-Rumanija sabiex jibagħtu grupp iżgħar. Dwar il-programm tal-Ħadd, huwa ppropona li jkun hemm kunċert mill-grupp JAMM. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Quddiesa tal-Ħadd tkun fit-8.30am minħabba li fl-10.00 am ikun hemm oħra tal-ħin. Għaldaqstant il-programm rivedut ġie kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Ħamis – 02/06/2016 | • Tnedija tal-festival fil-Knisja tal-Manikata bil-parteċipazzjoni ta' Catamici Chamber Choir minn Leicester fl-Ingilterra. |
| Ġimgħa – 03/06/2016 | • Kunċert mill-Banda La Vittoria<br>• Wallace Pipes and Drums |
| Sibt – 04/06/2016 | • Kunċerti mill-Banda Imperial u Catamici Chamber Choir |
| Ħadd – 05/06/2016 | • Quddiesa fis-Santwarju animata mill-Kor tas-Santwarju |

| | |
|---|---|
| | • *Brass Ensemble* tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali<br>• Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina - Mellieħa<br>• Talent minn Cugir fir-Rumanija (għad irid jiġi kkonfermat)<br>• Grupp JAMM |

**10.1. Użu tal-*multi purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)**

10.2. Is-Sindku għarraf li huwa qed jiġi avviċinat minn individwi sabiex jagħmlu użu mhux esklussiv mill-*court* fil-preżenza tal-kustodju. Is-Sur J. Buttigieg qal dan diġa jsir fir-rigward tal-korsa tal-atletika.

10.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li huwa ma jaqbilx ma' dan, għar-raġuni li fil-*court* hemm apparat li jekk ma jkunx imsakkar, wieħed faċilment jista' iweġġa miegħu. Huwa fakkar ukoll li apparti dan, l-istess apparat huwa proprjetà tal-Mellieħa Tritons. Kompla jgħid li biex il-*court* ikun jista' jintuża mill-pubbliku, l-apparat li hemm fiħ jeħtieġ li jitpoġġa f'ġenb u jissakkar.

10.4. Fid-dawl tal-punti mqajma fil-minuta 10.3. aktar 'il fuq, il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġamenti prevalenti għandhom jibqgħu fis-seħħ u ssir aktar evalwazzjoni tat-talba.

**11.1. Installazzjoni ta' bieb awtomatiku fl-uffiċċju tal-Kunsill (K/1/2/Vol IV)**

11.2. Is-Sindku għarraf li l-bieb imsemmi ġie nstallat fid-daħla ewlenija tal-uffiċċju amministrattiv. Billi dan huwa tal-ħġieġ, ippropona li ssir *sticker* bil-kelma "merħba" bl-lingwi differenti, bil-għan li ħġieġ ikun iktar viżibbli u anqas perikoluż.

11.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**12.1. Akkwist ta' materjal promozzjonali għall-Kunsill (P/4/5/Vol III)**

12.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-istokk tal-ktieb Mellieħa *Through the Tides of Time* spiċċa, kemm il-verżjoni llegata, kif ukoll il-*paperback*. Huwa qal li din kienet pubblikazzjoni mfittxija ħafna mill-kolletturi tal-Melitensia, kif ukoll utli sabiex jingħata b'mod kumplementari fl-okkażjonijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Għaldaqstant, huwa rrakkomanda li għandha tiġi stampata edizzjoni riveduta ta' dan il-ktieb u tinstab persuna ntiża fl-istorja tal-Mellieħa, illi possibilment ma jkollhiex pubblikazzjonijiet tagħha sabiex jikkordina din l-inizjattiva flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini. Hawnhekk huwa rrakkomanda lis-Sur Jeffrey Sammut bħala editur.

12.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-Kunsill huwa nieqes minn *mementos* u materjal promozzjonali ieħor, bħalma huma *DVD's, banners*, *stationery*, u materjal stampat dwar il-lokalità għat-turisti.

12.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa u talab li proposti mressqa jittieħdu in konsiderazzjoni fit-tfassil tal-Estimi 2017.

**13.1. Lampa ġdida fi Triq ir-Riħan (E/1/3/Vol IV)**

13.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn residenti fi triq imsemmija sabiex titwaħħal lampa fit-triq imsemmija, peress li attwalment għad m'hemm xejn. Is-Sur J. Buttigieg qal li din it-talba hija ġustifikata u rrakkomanda li teħel lampa fuq arblu *whip type* bħal kumplament taż-żona ta' Masrija.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**14.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Anthony Fenech (P/3/5)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li attwalment għaddej it-tfassil u l-issettjar tal-ktieb imsemmi. Hija staqsiet dwar in-numru ta' kopji li għandhom jiġu stampati.

14.3. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni n-natura ta' din il-pubblikazzjoni, iddeċieda li jistampa 200 kopja, illi 10 minnhom għandhom jingħataw lill-awtur.

**15.1. Jum il-Ktieb (A/5/3/Vol XII)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-avveniment imsemmi ser jiġi mfakkar fil-21 ta' April 2016 fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja, bejn it-9.30am u nofsinhar bil-sehem tal-Aġenzija tal-Litteriżmu li ser tibgħat tliet ambaxxaturi tagħha – David Azzopardi, Xandru Grech u Kim Dalli - biex janimaw l-attività. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet ukoll li ssir sessjoni oħra ta' rakkont ta' stejjer lit-tfal nhar is-Sibt 23 ta' April 2016, bejn 10.00am u l-11.00am fis-sala msemmija.

15.3. Il-Kunsill approva l-inizjattivi proposti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**